# IR-RGHAJ LI MA MARX.........

"Zi," qalilha Tumas," Hawn refghalek ir-rih ghal zmien il-Milied."

Mariroz hadet tixriba bil –kif jumejn qabel hija u gejja mill-quddiesa u mbukkat rih li kellha toqghod fis-sodda.  Kienet kbira fl-eta' u toqghod



wahedha. Il-familja taghha kollha tnaqqret wiehed wiehed u wahda wahda, u kull ma kien ghad fadallha ta' wens kien in-neputi taghha Tumas, guvni, qrib il-hamsin. Meta kien izghar kien jahdem ta' skarpan, sengha li tghallem u wiret minghand missieru, imma meta x-xoghol beda' jonqos fetah hanut taz-zraben gewwa Birkirkara.

Ta' kull xahar, fi tmiem il-gimgha kien izur lil zitu gewwa l-Qala, Ghawdex. Dawk il-jumejn kienu ta' serhan ghalih u kumpanija ta' wens ghal zitu.

"Ara, zi, issa qieghed hawn u inti strieh u nitlaq meta narak mill-gdid fuq saqajk."

"Ma tarx Tumas u l-hanut?"

"Zi, bhal dan iz-zmien ma narahiex bi kbira biex naghlaq, billi minn kellu jixtri ghall-festi tal-Milied, ikun xtara."

U Tumas tassew ha hsieb zitu ghaliex kien jixtrilha, isajrilha u jara li tiehu l-medicina f'hinha biex tfittex tfieq.

Wara li kielet, Mariroza qabdet ktieb u bdiet taqra' biex tghaddi z-zmien. X'hin ftit wara dahal Tumas biex jara jekk tridx xi bela' kafe, ra rieqda u ma qajjimhiex. Il-ktieb li kienet qed taqra waqghala fl-art u idejha kienu barra mill-kutra. Resaq fuq zitu u dahhalhomlha bil-mod il-mod taht il-kutra biex jibqghu shan. Gabar il-ktieb u tah daqqa t'ghajn biex jara 'xkienet qed taqra. Haseb li kien xi rumanz. Kienet thobb taqrahom hafna r-rumanzi u kienet tqalleb minn stazzjon ghal iehor biex ma titlef ebda wiehed minnhom.

Imma dan ma kiex rumanz; kienu sensielha ta' stejjer bi sfond tal-Milied. Dak li kienet qed taqra kienet storja jisimha: Ir-rghaj li ma marx.

"Imma ma nahsibhx li kien hemm xi wiehed li ma marx ghat-thabbira ta' l-anglu," qal bejnu u bejn ruhu. U t-titlu ta' l-istorja qanqallu l-kurzita'.

Lejla wahda xitwija gewwa Betlehem, snin, snin ilu, erba' rghajja kienu qed jharsu l-merhliet taghhom billi ma kienitx xi haga rari li xi lpup jew annimali ohra selvaggi jahtfulhom xi nghaga jew xi hallelin jisirqulhom xi wahda. Samwel, Ezdra, Joel u David kien jisimhom. L-ewwel tlieta kienu nies b'sahhithom, imma David kienu ghadu naqra ta' zaghzugh bil-kemm kellu sittax-il sena. Filwaqt li l-merhliet ta' Samwel, Joel u Ezdra kienu taghhom, il-merhla ta' David ma kienitx tieghu. Kienet propjeta' ta' Abraham ragel sinjur li issa kien xjieh u haddem lil David bhal rghaj mikri, billi l-familja tieghu kienet wahda fqira.

L-erba' rghajja kienu imgezwra fil-kutri biex jinsatru mill-kesha tal-lejl filwaqt li l-merhliet kienu minduda jistriehu.

"Samwel," qal David.



“Ghidli,” wiegbu l-iehor.

“Ma thossokx kuntent li x-xoghol tieghek huwa hawn gewwa Betlehem?

“Ghaliex qed tistaqsini?” kellmu Samwel nofsu rieqed.

“Ghaliex huwa f’Betlehem li r-re taghna li tant ilna nistennew ser jitwieled, “ wiegbu David, “Kont qed naqra fuq hekk illum stess. U barra minn hekk nisma’ lil ommni tirrakontali bosta drabi fuq din il-grajja li ghad trid isehh.”

“Tahseb li ser inkunu ahna li naraw lis-Sultan taghna? ,” staqsa Ezdra.

“Ma nafx,” indahal jitkellem Joel,” Stennejna wisq zmien, stennejna wisq zmien. Imma jum wiehed zgur ghad jigi. U ghaliex qed tistaqsi?”

“ Hekk kurzita’. Kemm inkunu xxurtjati kieku jkun hekk,” wiegeb Ezdra.

“Li kieku kellu jigi llum, nimxi mqar sa tarf id-dinja biex niltaqa’ mieghu,” qal David kollu entuzjazmu.

“Mela tista’ ma tibdiex timxi minn issa,” qalu Ezdra u Joel b’ton raff, “ Mur orqod, ghax il-lejl dahal gmielu.”

David dam ma raqad ghaliex hsibijietu kienu mifruxa fuq dak li qara u dak li kienet tghidlu ommu. Fl-ahhar ghajnu marret bih u dahal f’raqda tqila.

F’hin minnhom ilkoll hassew bhal xi haga tghaddi minn fuqhom u tmissilhom haddejhom. Kienu Samwel, Ezdra u Joel li qamu b’hasda fuq minkbejhom. Meta hass ic-caqlieq ta’ shabu, David qam fuq saqajh. Quddiemhom raw dawl kbir u bezghu.

Kien anglu tas-smewweit li gabilhom l-ahbar li dak il-hin twelidhom il-Messija.

Stedinhom biex imorru jaraw lit-tarbija Gesu’ u bhala sinjal ta’ dan qalilhom li ghandhom isibu lit-tarbija mgezwra fi ftit hrieqi u mqieghda go maxtura.

Aktar staghgbu meta fis-smewweit raw qtajjiet ta’ angli u semghu ilhna jkantaw: “Glorja lil Alla fil-gholi tas-smewwiet u paci fl-art lill-bnedmin ta’ rieda tajba.”

Waqt li r-rghajja kienu nofshom ferhana u nofshom imbezza’ id-dawl gheb u filwaqt li harsu lejn xulxin Ezdra qal: “Dak x’kien?”

“L-anglu tal-Mulej,” wiegeb David.

“L-ahwa.” Kien Samwel li tkellem. “ Illum konna xiehda ta’ haga sabiha hafna. Ilu hafna u hafna minn meta l-anglu tal-Mulej tkellem mal-bnedmin.” Imbaghad thazzem bil-mantel tar-rghajja, gabar il-bastun u

stieden lil s-shabu biex imorru jaraw dak li habbrilhom il-Mulej permezz tal-messaggiera tieghu.

“Immorru ...fejn?” staqsew Ezdra u Joel.

“Kif? Lejn Betlehem biex naraw it-Tarbija.  L-anglu ma habbrilniex is-sinjal? Taraw tarbija imfisqija fi ftit hrieqi u mqieghda go maxtura.”

“Daqskemm hemm maxturi gewwa Betlehem,” oggezzjona Ezdra.

“U ma nafx kif ser insibuh,” kompla mieghu Joel, “Ser noqghodu nfittxu ghal xejn. Huwa tefa’ il-mantell fuqu u gabar il-bastun., “ imma la qed tghid hekk inti, ejjew immorru.”

Samwel, Ezdra u Joel bdew it-triq lejn l-ghar...imma David baqa’ fejn kien. “Ejja David ghaggel,” heggu Samwel.

“Le tafx, ma inhix gej,” wiegbu David.

“Kif ma inti gej?  Inti ftit mumenti ilu ghidtilna li anke jekk tmur sa tarf id-dinja, taghmel hekk biex tara lir-Re tarbija,” ghajjat Samwel.

“U hekk naghmel,” wiegeb David,” imma n-nghag ma nistghux nhalluhom wahedhom.”

“Tinkwetax, David, il-merhliet ikunu fis-sigur,” qallu Samwel. “Il-klieb izzommuhom flimkien.  Mhux  ser jigu lpup, il-lejla.”

Imma t-tfajjel David kien sod f’fehemtu. “Imbaghad hemm is-sinjur: jekk ikun jaf li hallejt in-nghag wahedhom jirrabja bis-shih mieghi.”

“Abraham qatt ma ser ikun jaf,” accertah Joel.

“Abraham huwa sinjur iebes hafna,” wiegeb David. “ Bosta drabi doqt il-bastun tieghu. Imma mhux dak li jzommni man-nghag.  Jiena tajtu l-kelma tieghi li jigri x’jigri jiena nkun fidili lejn il-merhla tieghu. Morru wahedkom.  Irrid nzomm kelmti. Isaw itilqu qabel ma jkun tard wisq,” heggihom David.

It-tlett rghajja erhewla ifittxu lit-tarbija Gesu'. Ezdra u Joel jithaddtu bejnithom fuq l-ostinazzjoni ta' David filwaqt li Samwel ammirah ghall-kelma tieghu. Rahom sejrin jghagglu u xtaq ikun maghhom u diga' kien ser iqum, izda rega' pogga bilqieghda fuq il-blat u beka' fih innifsu. Ftit mumenti wara rrasenja ruhu ma' xortih.

F'daqqa wahda minghajr ma kien jistenna, imbieh tal-kelb gabu f'sensih. Qam fuq saqajh, imma ma ra xejn, ma sema' xejn u ordna lill-kelb biex jiskot. Imma l-kelb xorta wahda tah is-sinjal. Fil-qrib hemm il-periklu. Anke il-merhla bdiet tinfixel. Tefa' harstu 'l hemm u 'l hawn u meta ghajnejh qaghdu nduna li fil-qrib hemm l-ilpup. Beda' jghajjat lin-nghag bil-kliem tas-soltu biex jingabru madwaru filwaqt li beda' jxejjer il-mantell tieghu fuq rasu f'forma ta' crieki. In-nghag kollha gew madwar ir-rghaj ghall-kenn mill-periklu ta' lupu. Ghaddhom wahda wahda u sab li kellu wahda nieqsa. Sejhilhom b'isimhom u kollha iwegbuh lura, izda wahda ma semmghitx lehinha. Kien jisimha Kebaba.

"Hatafha l-lupu," haseb David.

It-triq kienet wieqfa u tizloq bin-nida tal-lejl, imma David ma ra xejn quddiem ghajnejh hlief in-nghaga mahtufa mill-lupu. Gera' u qazeb fuq il-gebel zghir li t-triq kienet mizghuda bihom. Bla ma kien mistenni, saqajh gew fuq gebla ftit akbar mill-ohrajn u zelaq u baqa' niezel sa isfel. Meta waqaf David ra quddiemu zewg ilpup jiggieldu ghan-nghaga. Wiehed minnhom meta ra lil David harab u qaghad fil-boghod jara kif ser tispicca l-avventura taghhom. Il-lupu l-iehor deher li kien aktar kuraggjuz u hebb ghal David u bi ftit ma difinx snienu f'ghonqu. David iggenneb b'kemm kellu sahha, qam bil-wieqfa u xejjer il-bastun fuq ras il-lupu. Il-lupu miet instantanjament.

"Kebaba, wegghuk hux veru! Imma ma qatlukx! Wasalt fil-hin biex insalvak. Ma tistax timxi hux? U nibza' li anqas jiena ma nista' nerfghek. Imma nista' nghinek, " stqarr David lin-nghaga. Kien lewa'

saqajh imma seta' jimxi bil-mod hafna. Tella' in-nghaga madwar ghonqu u bdew telghin 'l fuq, fejn kien hemm il-bqija tal-merhla.

Kemm-il darba waqaf biex jistrieh mill-ugigh. Meta wasal fuq l-gholja, il-merhla kienet ghadha ma gietx f'taghha. Dehret li kienet imbezza' imma David bil-ghajta tieghu "Hoo – o – o ta –a-a" nissel fihom tama ta' sigurta'.

Meta semmghalhom l-ghajta tieghu, David waqa' fl-art.

Kemm dam mixhut hemmhekk ma kienx jaf. Ix-xemx kull ma tmur bdiet aktar turi dawlha meta tlett irgiel dehru gejjin minn-naha ta' Betlhem. Le ma kienux shabu r-rghajja izda ix-xwejjah Abraham u zewg qaddejja ohra. Hekk kif ir-ragel lemah il-merhla tieghu, izda ma rahx ir-rghaj intela' qilla u ghajjat, " David, David fejn inti?" Imma ma hax twegiba.

"Dak il-vagabond! Fejn mort? Hallejt il-merhla wahedha. Jiswew il-weghdiet tieghek! Hekk qalli, hej, ghall-merhla tieghek naghti hajti. Mur obsor ghalih," gergergr wahdu Abraham. Imbaghad b'lehen gholi u qalil ghajjat: " U jekk insibu ntih xi haga li jibqa' jiftakar aktar mill-weghdiet tieghu."

Hekk kif qorob aktar lejn il-merhla, sab iz-zaghzugh ma' l-art. " Rieqed, eh? Diga' telghet ix-xemx. Qum," ghajjat b'kemm kellu sahha u gholla l-bastun biex jaghtih daqtejn. Imma hekk kif kien ser inizzel id-daqqa ra l-wicc abjad tieghu u dirajgh imdemma. Hdejh kien hemm in-nghaga feruta wkoll.

Daqs kemm far bil-qilla f'daqqa wahda, hekk birdet ir-rabja tieghu u fuq wiccu dehret kompassjoni lejn iz-zaghzugh. "David. Tassew rajt li inti bniedem ta' kelmtek."

U minghajr telf ta' zmien ordna liz-zewg qaddejja tieghu biex johduh fil-lukanda ta' Betlehem u hemm jaghtuh l-ahjar kura. "Ser noqghod hawn u niehu hsieb il-merhla jiena, illum," qal lill qaddejja.

Il-qaddejja baxxew rashom u qalulu: " Il-lukanda hija mimlija, sinjur."

Ix-xwejjah Abraham mill-gdid ta l-istess ordni, "Ghidtilkom huduh fil-lukanda."

Kien l-ixjeh qaddej li wiegeb kollu biza', " Imma l-lukanda mimlija, sinjur."

U fuqu kompla l-qaddej l-iehor, " Sinjur forsi hemm post fl-istalla tal-merhla tieghek."

"Allura huduh hemm u aghtuh l-ahjar kura. Ftehmna? Morru minghajr dewmin."

Minnufih il-qaddejja refghu lil David li kienu ghadu mitluf minn sensih u haduh fl-istalla fejn hemmhekk poggewh fuq sodda tat-tiben.

Meta ge f'sensih ftit wara huwa fetah ghajnejh u l-ewwel li sema' kienet ghajta dghajfa.

"Din x'ghajta hi?," staqsa David lil Samwel li gie hdejh biex joqghod mieghu.

" Dik," wiegbu ir-rghaj b'ton ta' ferh u qima," hija t-Tarbija li qalilna l-anglu tal-Mulej, it-Tarbija li gejna nzuru."

"Allura jiena ma nhiex ser narah?"

"Iva, " wiegbu Samwel. U ragel zaghzugh, b'bixra ta' qaddis miexi fuq l-art gablu t-Tarbija u qieghdhilu f'dirghajh.  Kienet it-Tarbija li l-poplu kien ilu jistenna ghal sekli shah.

* * * * *

Dak il-hin wicc David ha kulur sabih u rega' kiseb sahhtu mill-gdid qisu qatt ma kien xejn. Mar lura lejn l-gholjiet u hemm iltaqa' max-xwejjah Abraham.  "Ibni, issa naf kemm inti ta' kelmtek u min issa nqieghdek kap tal-merhla kollha.  Nofsha hija tieghek bhala rigal."

Fost shabu huwa kien maghruf bhala r-rghaj li zamm lil Kristu f'dirghajh.  U billi issa David sar sid ta' nofs il-merhla huwa seta' itaffi l-faqar tal-familja tieghu.